# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Marzu, 2001**

**Att ta' Akkuza 18/94**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Clarissa Cachia**

**Il-Qorti,**

Din hija sentenza fuq appell maghmul mill-akkuzata Clarissa Cachia kontra digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Kriminali fil-kors tal-guri bl-Att ta' Akkuza u l-ismijiet fuq indikati.

Din il-Qorti qabel xejn sejra tirriproduci verbatim il-verbal relattiv u id-digriet appellat u tippremetti qabel xejn li l-istess digriet, kif hemm fih stess indikat, gie pprovokat wara talba lill-ewwel Onorabbili Qorti maghmula mill-Avukat Generali fis-seduta tat-22 ta' Marzu, 2001 li kif hu ovvju mil-verbal riprodott hija intiza biex jissejjah biex jiddeponi bhala xhud tal-prosekuzzjoni Joseph Fenech, persuna li ma kienetx giet indikata mill-istess Avukat Generali bhala

xhud taghha fit-termini preskritti bl-artikoli 590 (2) u 438 tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-verbal relattiv kif inhu fl-atti ta' prim istanza jaqra kif gej:

"Meta issejhet il-kawza dehret Clarissa Cachia assistita minn Dr Joseph Galea Debono.

Deher Dr Mark Said ghall-Avukat Generali.

Fl-assenza tal-gurati sar dan il-verbal.

Il-Prosekuzzjoni f'dan l-istadju tiddikjara illi huwa mehtieg li jissejjah bhala xhud taghha Joseph Fenech, u ghaldaqstant, tenut kont ta' x'kienet il-posizzjoni legali tal-istess xhud kemm fl-istadju tal-kumpilazzjoni u anke wara li inghalqet il-kumpilazzjoni, kif ukoll tenut kont tal-izvilupp partikolari u unici li sehhew wara dawk l-istadji kollha, il-prosekuzzjoni qeghda anke eccezzjonalment titlob lill-Qorti sabiex l-imsemmi xhud jigi ammess mhux biss ghall-kompletezza tal-kaz kollu imma fuq kollox fl-interessi supremi ta' l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u tar-ricerka tal-verita'.

Il-Prosekuzzjoni ghal kull buon fini tiddikjara illi, salv l-ezitu ghat-talba li qieghda hawnhekk taghmel, sejra tkun f'posizzjoni li taghlaq il-kaz taghha.

Id-difiza toggezzjona ghall-produzzjoni tax-xhud Joseph Fenech f'dan l-istadju inoltrat tal-process u proprju meta issa stess il-Qorti giet infurmata li l-prosekuzzjoni ma fadlilhiex provi ohra ghar-ragunijiet segwenti:

1) Dan ix-xhud ma giex dikjarat bhala tali fin-nota li akkumpanjat l-att ta' l-akkuza taghha kif suppost li sar skond l-Artikolu 590(2) tal-Kodici Kriminali u dana fi stadju meta l-Avukat Generali kien diga' issepara iz-zewg kazi minn xulxin u pprezenta atti ta akkuza differenti u separati kontra ix-xhud Joseph Fenech u kontra l-akkuzata u ghalhekk la darba f'dak l-istadju iz-zewg persuni ma kienx ghadhom ko-imputati ma kien hemm xejn x'jimpedixxi l-Avukat Generali milli jindika lil Joseph Fenech bhala xhud.

Illi skond l-Artikolu 440(3) tal-Kodici Kriminali ebda xhud "….. li ma jkunx jinghata fin-noti…. Ma jista' jingieb fil-kawza minghajr permess specjali tal-Qorti" u skond l-Artikolu 440(4) "dan il-permess

jinghata biss meta jinsab li l-prova hija relevanti u l-Avukati Generali jew l-akkuzat ma jkunx bata hsara billi l-prova ma tkunx giet moghtija fin-nota fuq imsemmija….” F’dan il-kaz l-akkuzata ser tbati hsara u pregudizzju kbir jekk jixhed Joseph Fenech ghar-ragunijiet li ser jigu trattati waqt it-trattazzjoni ta’ dan il-punt senjatament pero’ mill-fatt illi:

2) M'ghandha l-ebda mezz kif tikkontrolla dan ix-xhud permezz tax-xhieda li jkun ta fil-kumpilazzjoni ghax hu ma xehedx fil-kumpilazjoni; u

3) ghaliex bix-xhieda tieghu f’dan l-ahhar stadju tal-prosekuzzjoni fil-process, l-akkuzata mhux ser ikollha zmien u opportunita bizzejjed biex tivverifika, tikkontrolla, tipprepara u tikkonduci kontro ezami ta’ l-istess xhud, kif kellha l-opportunita li taghmel max-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni u peress li skond il-ligi immedjatament kif jinghalaq l-istadju tal-prosekuzzjoni fil-guri jkun jispetta minnufih lid-difiza li tibda bil-kaz taghha minghajr inducju u differimenti twal mhux ser ikollha l-opportunita materjali li tikkontrolla dak li ser jghid Fenech f’din il-kawza b’dak li qal jew ghadu qieghed jghid sal-lum stess f’dan il-mument fi proceduri ohra u ghalhekk id-difiza ser tigi priva milli jkollha *adequate time to prepare its defence* li huwa dritt garantit b’mod serju, dritt dan protett kemm mill-Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-gurisprudenza kopjuza li emaniet mid-decizjonijiet tal-Qorti Ewropea f’dan ir-rigward;

4) u jinghad biss preventivament f’dan l-istadju lanqas hu applikabbli is-sub inciz (5) tal-Artikolu 440 ghax, qabel ma giet rinfaccjata din it-talba tal-prosekuzzjoni din l-Onorabbli Qorti ma espremietx jew ghamlet xi accenn marte proprja li kellha xi interess li hi stess issejjah lil Joseph Fenech bhala xhud taghha.

5) mhux biss ma saritx a tempo debito ma’ l-att ta’ l-akkuza kif setgha legalment isir imma sahansitra la saret fl-istadju tad-dibattitu quddiem din il-Qorti diversament presjeduta dwar l-eccezzjonijiet preliminari fid-9 ta’ Gunju, 1995 u qabel din id-data; la saret meta Joseph Fenech inghata il-proklama fl-1996 u inqas u inqas almenu immedjatament qabel ma beda dan il-guri jew proprju fil-bidu tieghu mhux ghax dan fil-fehma tad-difiza kien ibiddel il-posizzjoni legali ghax kien tard wisq.

Iktar tard fl-istess seduta, l-ewwel Onorabbili Qorti ippronunzjat id-digriet segwenti li fil-fatt huwa il-meritu tal-appell odjern:

Il-Qorti,

Dan id-digriet gie pprovokat b'talba maghmula mill-Avukat Generali fis-seduta tal-lum biex issejjah bhala xhud Joseph Fenech persuna li ma kienetx giet minnha indikata fit-termini preskritti bl-artikoli 590(2) u 438 tal-Kodici Kriminali.

Ir-ragunijiet ta' din it-talba huma ivverbalizati kif inhuma ivverbalizati r-ragunijiet l-ghala id-difiza qieghda topponi ghal din l-istess talba.

It-talba giet ampjament itrattata seduta stante u mholliha biex jinghata dan il-provediment.

Il-Qorti ikkunsidrat fit-tul it-talba in kwistjoni u deherilha illi s-soluzzjoni taghha kienet tinstab principalment, jekk mhux unikament, fuq dak li tipprovdi l-ligi. Din hija infatti l-unika garanzija li tista' tikkonfortaha f'din il-materja propju biex jigi evitat dak li qieghda tallega d-difiza li jista' jigri f'kaz bhal dak odjern.

Il-fatti ghalhekk li ssemmew minn naha jew minn ohra sejrin jigu injorati jekk mhux ghal kollox, kwazi ghal kollox, ghax dawn il-fatti huma kwazi biss jekk mhux ghal kollox allegazzjonijiet li ma huma bl-ebda mod sostanzjati bi provi li fuqhom tista' tistrih il-Qorti f'din id-deliberazzjoni taghha. L-unici fatti, pero', li dehrilha li kellha issemmi l-Qorti f'dan ir-rigward u li ghalihom saret referenza fit-trattazzjoni fuq imsemmija huma dawk li b'xi mod jirrizultaw fil-procediment ta' dan il-guri. Jinghad ukoll li l-Qorti dana sejra taghmlu aktar ghal precizjoni u biex jigu kjarifikati certi allegazzjonijiet ta' fatt u b'hekk jigu evitati xi mal intizi li jistghu jemergu milli ghal xi raguni ohra ghax jigi repetut, is-soluzjoni ta' din il-vertenza tista' biss tistrih fir-regoli li huma stabbiliti fil-ligi ta' pajjizna.

Bhala fatt jirrizulta illi f'xi zmien l-akkuzata odjerna u Joseph Fenech kienu ko-akkuzati. L-Avukat Generali pero' deherlu, u din id-diskrezzjoni tieghu m'hiex kontestata anqas mid-difiza, illi jressaq iz-zewg persuni b'Atti ta' Akkuza differenti. L-Att ta' Akkuza tal-imputata Clarissa Cachia pero' ipprecediet dik ta' Joseph Fenech (numru 18 u 19 tal-1994 rispettivament). Kien probabbilment il-mod ta' kif zvolgew dawn iz-zewg proceduri li waslu ghall-ommissjoni prezenti u dana jidher car anke mit-tratazzjoni li saret f'dan il-kaz fir-rigward tal-eccezzjonijiet preliminari quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-25 ta' Mejju 1995 (ara partikolarment fol. 37 ta' dan il-process). Li dina kienet ferm aktar probabbli milli le ommissjoni genwina da parti tal-Avukat Generali u mhux xi tattika minnu adoperata jirrizulta wkoll mir-reazzjoni tal-Prosekutur prezenti fl-

ewwel okkazzjoni meta isemma' Joseph Fenech bhala xhud potenzjali. Effettivament id-deputat registratur ta' din il-Qorti gie mitlub jirricerka jekk effettivament kienet saret talba f'dan is-sens f'hin anterjuri tul dawn il-proceduri. Din l-oservazzjoni twassal lill-Qorti ghat-tieni oservazzjoni ta' fatt li deherilha li kellha tigi mensjonata minnha. Huwa ghal kollox irrelevanti dak li xehed, u anke il-fatt stess li xehed, Joseph Fenech fi proceduri ohra quddiem din il-Qorti diversament presjeduta. Il-principju li gie imfisser u emfasizzat lill-gurati anke fid-diskors introduttorju minn din il-Qorti huwa li ghandhom jghatu kaz biss tal-provi mresqa f'dan il-process u jinjoraw ghal kollox kwalunkwe haga ohra. Bhala fatt pero' huwa minnu u dan irid jinghad b'lejalta' lejn il-Prosekutur f'dan il-kaz li huwa ta' indikazzjoni cara fir-Rekwizitorja tieghu li kien behsiebu isejjah lil Joseph Fenech bhala xhud u minkejja li l-Qorti intervjeniet fuq talba tad-difiza biex ma jkunx hemm aktar referenza ghal din il-persuna propju in vista' tal-vertenza odjerna il-Qorti jidhrilha illi d-dikjarazzjoni tal-prosekutur kienet aktar minn semplici accenn u, forsi ta' aktar relevanza, din id-dikjarazjoni, bhala fatt, saret qabel ma inghatat ix-xhieda ta' Joseph Fenech fi proceduri ohra.

Ta' aktar relevanza pero' minn dan kollu, jigi ripetut, huwa dak li tghid il-Ligi.

Hawnhekk fl-ewwel lok pero' il-Qorti trid mill-ewwel taghmel referenza ghall-ezempju mghoti diversi drabi mill-abbli avukat difensur ta' l-equality of arms u tal-partita, tal-football jew xorta ohra, u tal-mezzi li jistghu jintuzaw biex naha tinghata vantagg ingust fuq in-naha l-ohra. Minkejja li l-Qorti tifhem u taprezza is-sentiment ta' dak sottomess mill-istess difensur tfakkru illi fi process kriminali ir-rebbieh ghandha tkun biss il-verita' u kull naha ghandha taghmel minn kollox f'dan ir-rigward immaterjalment minn jekk huwx sejra tkun ir-rebbieh jew it-tellief. Huwa propju ghalhekk li l-Kodici Kriminali fir-rigward tal-Qorti Kriminali jipprovdi li ***"Imiss ukoll lill-Qorti ….. li taghmel, f'dak kollu li mhux projbit jew mhux ordnat mill-Ligi taht piena ta' nullita, kull ma jidhrilha, fid-diskrezzjoni taghha, li hu mehtieg ghat-tikxif tal-verita'"*** Artikolu 436 (3)c tal-Kodici Kriminali.

Aktar specifikatament huwa ghalhekk illi l-Qorti ghandha is-setgha skond l-Artikolu 439(5) tal-istess Kodici: ***"Izda, jekk matul il-kawza jinstab li huwa mehtieg jew utili li jinstema xi xhud, jew li wiehed ikollu taht ghajnejh dokument jew oggett li ma jkunx inghata fin-nota minn ebda wahda mill-partijiet, il-Qorti tista' ex-officcju tordna li jisejjah ix-xhud u li ttiehed ix-xhieda tieghu, jew li jingieb id-dokument jew l-oggett mhux imsemmi fin-nota."*** Huwa minnu illi din is-seta' tal-Qorti ma gietx minnha invokata fil-kaz

odjern u li l-prosekuzzjoni qieghed invece tibbaza t-talba taghha fuq is-sub-artikolu 3 u 4 tal-istess artikolu 439 li jipprovdu:

Is-sub-artikolu 3, ***"Ebda xhud, dokument jew oggett li ma jkunx inghata fin-nota jew li ma jkunux gew prezentati kif provdut fl-Artikolu 438, ma jista' jingieb fil-kawza minghajr permess specjali tal-Qorti"***;
Is-sub-artikolu 4, ***"Dan il-permess jinghata biss meta jinstab li l-prova hija relevanti, u l-Avukat Generali jew l-akkuzat ma jkunux bata hsara billi l-prova ma tkunx giet mghotija fin-nota fuq imsemmija jew billi l-prezentata ma tkunx saret fiz-zmien specifikat fl-Artikolu 438"***.

Jirrizulta ghalhekk illi skond dan l-artikolu il-Qorti tista' taghti dan il-permess, minkejja li wiehed specjali, fejn ix-xhud huwa 'relevanti' u fejn l-'akkuzat' ma jkunx bata hsara. Il-kelma hsara bl-Ingliz hija 'prejudice'. Il-ligi ma tistipulax xi tfisser il-kelma 'hsara' jew 'prejudice' fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti kellha ghalhekk tirricerka is-sinifikat li nghata lil dawn il-kliem fil-gurisprudenza ta' pajjizna. Fis-sentenza Il-Majesta taghha ir-Regina vs Gaetano Micallef tal-5 ta' Novembru 1953 gie ritenut fir-rigward ta' ammissibilita' ta' xhieda li ma kienetx giet indikata fit-terminu li din kellha tigi sollevata: ***"(1) tkun relevanti u (2) li l-partijiet fil-gudizzju ma jkunux gew pregudikati bl-ommissjoni taghha minn nota tax-xhieda pprezentata in termine jew minn nuqqas tal-prezentata tan-nota fiz-zmien li trid il-ligi. Ma hemmx bzonn jinghad li l-pregudizzju msemmi fuq mill-legislatur ma jikonsistiex fl-effikacja li jista' jkolla l-prova, skond il-kaz, fuq l-akkuza jew id-difiza, imma fid-diffikulta li tinstab fiha il-parti li kontra taghha tkun sejra tingieb dik il-prova gdida bil-fatt li tkun sejra tigi prodotta f'daqqa, improvizament, bla ma jkollha l-opportunita li tikkombattiha, (ara Regina vs Vella 26 ta' Novembru 1889, Rex vs Vincenzo Bonnici 21 t'Ottubru 1916). Fl-avverament ta' liema ipotesi ir-rimedju ma hux l-esklussjoni ta' prova imma l-akkordament ta' differiment li l-parti li tkun pregudikata halli tkun tista' iggieb provi kuntrarji"***. Din is-sentenza minkejja li wahda pjutost antika giet ikkwotata w ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza taghha Repubblika ta' Malta vs Dr Lawrence Pullicino 15 t'April 1994, ***"F'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tal-5 ta' Novembru 1953 in re: Il-Majesta taghha ir-Regina vs Gaetano Micallef fejn hemm espost b'mod car it-tema tal-produzzjoni tax-xhieda mhux dikjarata b'referenza ghal xi gurisprudenza antecedenti"***. F'dak

il-kaz il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kienet ikkonfermat id-decizjoni tal-Qorti Kriminali li kienet ammettiet xhieda fil-Prim Istanza.

Stabbilit li din hija il-ligi ta’ pajjizna fl-istess waqt li ma jidherx li huwa b’xi mod ikkontestat jew allegat illi x-xhieda ta’ Joseph Fenech mhix ‘relevanti’ il-Qorti thoss li ghandha tilqa’ it-talba ta’ l-Avukat Generali salv li tinghata l-possibilita lid-difiza illi, jekk thoss il-bzonn, iggib provi godda hija wkoll biex tirribatti x-xhieda ta’ dan ix-xhud u salv, sa fejn huwa applikabbli, il-provediment tal-Artikolu 637 tal-istess Kodici Kriminali.

F’dawn il-parametri, jigi ripetut, it-talba tal-Avukat Generali hija milquha.

Ftit wara l-abbli Avukat Dr Joseph Galea Debono pprezenta nota ta’ appell ghal fini tal-artikolu 499(3) tal-Kodici Kriminali.

Sussegwentement, kif inghad l-akkuzata, interponiet appell b’rikors prezentat fir-registru fit-22 ta’ Marzu, 2001, fejn talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar id-digriet minnha appellat, b’liema digriet l-ewwel Onorabbli Qorti ippermettiet lil Joseph Fenech li jixhed bhala xhud f’dak il-process, u minflok tordna u tiddeciedi  li l-imsemmi Joseph Fenech mhux ammissibbli bhala xhud f’din il-kawza stante li ma giex iddikjarat fin-nota ta’ l-Avukat Generali li akkompanjat l-Att ta’ Akkuza kontra taghha, u l-produzzjoni ta’ dan ix-xhud f’dan l-istadju tal-guri ser iggieghel lilha tbati hsara kif provdut fl-artikolu 440 (4) tal-Kodici Kriminali.

Dan l-appell gie appuntat b’urgenza u mismugh il-jum ta' wara, cioe' fit-23 ta' Marzu, 2001, u minhabba dak li hemm provdut fil-ligi dwar il-mod kif ghandhom jigu kondotti il-processi u li ser jigi rilevat aktar tard f’din is-sentenza, l-appell qed jigi deciz illum, u cioe,' ma' l-ewwel opportunita' li kellha din il-Qorti.

Fis-seduta tal-Gimgha, 23 ta' Marzu, 2001, meta issejjah l-appell, l-abbli Prosekutur Dr Mark Said ghall-Avukat Generali eccepixxa l-irritwalita' tal-appell odjern ghas-segwenti ragunijiet minnu verbalizzati:

1. L-avviz tal-appell huwa bazat fuq l-artikolu 499 (3) tal-Kodici Kriminali meta dana kjarament qieghed jillimita fis-subinciz (1) u (2) tal-imsemmi artikolu, li fih kwalunkwe kaz appell minn decizjoni preliminari jista' jsir biss sal-istadju ta' ma qabel l-akkuzat iweiegeb jekk hux hati jew le. Manifestament hawnhekk mhux il-kaz.
2. Jigi rilevat ukoll illi ghall-ilment tad-difiza kif avanzat bir-rikors odjern dejjem jibqa ir-rimedju, pero' fl-istadju opportun, hekk kif provdut bis-subinciz 7 tal-imsemmi artikolu. Dan ifisser ukoll illi l-posizzjoni attwali qatt ma tista tkun legalment bhala xi impediment talvolta, id-difiza tkun trid tkompli tapprofondixxi l-ilment taghha.
3. L-irritwalita' tar-rikors tal-appell ghar-ragunijiet sa issa indikati isib konfort ukoll f'dak li jiddisponi l-artikolu 485 tal-Kodici kriminali illi jiddisponi li s-smiegh tal-kawza la darba jinhatar il-guri ghandu jibqa' sejjer minghajr ebda waqfien sa dak li eccezzjonalment jippermetti l-istess artikolu

Huwa ovvju li galadarba qed tigi attakkata r-ritwalita' tal-appell, hija din l-ewwel pregudizzjali li trid tigi deciza.

Din il-Qorti ser tmur mill-ewwel f'ras il-ghajn u cioe' ser tindirriza ruhha ghal-dak li jipprovdi l-artikolu 485 tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta) li ghall-Avukat Difensur ifisser ftit imma li huwa kardinali fis-sistema processwali

taghna kif anki ta' diversi pajjizi ohra u li allahares kellu jkun mod iehor. Dak l-artikolu jaqra kif gej:-

> "485. Is-smiegh tal-kawza, la darba jinhatar il-guri, ghandu jibqa' sejjer bla ma jinzamm sar-registrazzjoni tal-verdett tal-guri inkuzivament; u m'ghandux jitwaqqaf hlief ghal dak il-ftit taz-zmien li l-Qorti jidhrilha mehtieg ghall-mistrieh, tal-gurati, tax-xhieda, jew ta' l-akkuzati, jew fil-kaz li jidhol is-Sibt, il-Hadd, jew btala pubblika ohra:
>
> Izda l-Qorti tista', jekk jidhrilha li jkun spedjenti li hekk taghmel, tkompli s-smiegh tal-kawza f'xi Sibt, Hadd jew btala ohra".

Ghall-Avukat Difensur, dan l-artikolu ma jfisser xejn hlief li qed jipprovdi biex il-guri ikun jista' jieqaf minn hin ghal hin ghal ragunijiet ta' mistrieh u biex anki jaghti fakolta' lil-Qorti Kriminali tkompli tahdem anki fi granet meta Qrati ohra jkunu wieqfin. Fil-fehma tieghu dan l-artikolu mhux u qatt ma kien intiz biex jippriva lill-akkuzat milli jkun jista' jappella minn decizjonijiet hziena li jittiehdu fil-kors tal-guri u li jkunu pregudizzjevoli ghalih - cioe' huwa artikolu li jirregola is-smiegh tal-provi fis-Sibtitjiet, Hdud u festi u bl-ebda mod ma jirrigwarda jew jeskludi d-dritt ta' appell minn decizjonijiet interinali fil-kors tal-guri.

Imbaghad l-istess Avukat Difensur jissottometti ukoll illi mill-qari tal-artikolu 499 (1) tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta), ghandu jemergi car illi filwaqt illi fil-kaz ta' decizjonijiet fuq kull wahda mill-eccezzjonijiet imsemmija fil-paragrafi (a), (b) u (g) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 499 tal-Kodici Kriminali id-dritt ta' appell huwa limitat biss ghal-perijodu bejn immedjatament wara il-qari tal-Att tal-Akkuza u qabel ma' l-akkuzat iwiegeb jekk hux hati jew le, fil-kaz ta' decizjonijiet fuq eccezzjoni ta' inammissibilita' ta' provi ma tezisti ebda limitazzjoni ta' zmien billi tali eccezzjoni tista' tigi sollevata fi kwalunkwe stadju, tista' tigi deciza fil-kors tas-smiegh tal-provi, u ghalhekk tista' tigi appellata fi kwalunkwe stadju.

Issa jekk wiehed jezamina is-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Novembru 1988 in re Ir-Repubblika vs Giacchino sive Jack Pace et al, malajr jinduna li s-sottomisjoni legali f'dak il-kaz kienet identika ghal din f'dan il-kaz anki jekk f'dak il-kaz tal-1988 it-talba ghal produzzjoni ta' prova kienet saret mid-difiza mentri f'dan il-kaz it-talba saret mill-Prosekuzzjoni. L-aspetti legali, pero', huma l-istess ghaliex kuntrarjament ghal dak li ipprova minghajr bazi jallega id-difensur tal-appellanti, il-ligi f'dan il-kuntest hija newtra u tapplika b'istess assolutezza, bl-istess rigur u bl-istess mod kemm ghall-Avukat Generali kif ukoll ghall-akkuzat. It-tnejn huma fl-istess qoffa u tnejn li huma ghandhom l-istess impediment f'kaz li fil-kors tal-guri, cioe', fl-istadju li ghalih jirreferi l-artikolu 485 tal-Kodici Kriminali  jittiehdu decizjoni avversi ghalihom. Dan qed jigi iccarat mhux ghax setgha kien hemm xi dubbju fuqu, imma ghax id-Difiza ipprezentat xenarju fejn skond hi din hi sitwazzjoni legali li jekk tigi konfermata minn din il-Qorti ikunu qed jigu mahnuqa id-drittijiet tal-akkuzat. Fil-fatt dan mhux korrett ghax kemm id-Difiza kif anki il-Prosekuzzjoni huma ittratti l-istess mill-ligi.

Fil-fatt fis-senteza taghha imsemmija, din il-Qorti kienet qalet hekk:
*"Illi waqt it-trattazzjoni d-difensur tal-appellant ghamel diversi sottomissjonijiet in sostenn tat-tezi tieghu u essenzjalment qieghed isostni li appelli minn kwistjonijiet ta' ammissibbilita' ta' provi jistghu jsiru kemm mill-akkuzat kif ukoll mill-prosekuzzjoni fi kwalunkwe stadju tal-guri. L-istess difensur irrefera ukoll ghall-artikolu 499(1) tal-Kodici Kriminali (Kap 9, Edizzjoni Riveduta) u ssottometta li dan l-artikolu ghandu jigi interpretat f'dan is-sens.*

*Illi l-kwistjoni tal-appellabilita' o meno f'kazijiet ta' digrieti li jinghataw mill-Qorti Kriminali fil-kors tal-guri wara li l-akkuzat jkun wiegeb jekk hux hati jew le diga giet deciza minn din il-Qorti fis-sentenza taghha in re ir-Repubblika ta' Malta vs*

*Joseph Hallett moghtija fit-23 ta' Frar 1977 u in re r-Repubblika ta' Malta vs Anthony Mifsud deciza fl-10 ta' Gunju, 1985.*

*Fit-termini ta' din il-gurisprudenza bazata fuq il-ligi, wara li l-akkuzat iwiegeb jekk hux hati jew le u sa meta l-istess akkuzat ikun gie misjub hati fuq Att ta' Akkuza, m'hemm lok ghall-ebda appell lil din il-Qorti, billi l-ligi ma tikkontemplax appelli matul dan il-perijodu, u mhux lecitu li l-Qorti tikkonferixxi dritt ta' appell meta' l-legislatur ma jkun ta dan id-dritt."*

Biex taghmel ruhha aktar cara, din il-Qorti ser taghmel dawn l-osservazzjonijiet u vivament tispera' li fil-futur ma jerghux jitfaccaw appelli bhal dan li huma bl-iktar mod assolutu eskluzi mill-Kodici Kriminali.

Sa' meta gie promulgat l-Att LIII tal-1981 dak li allura kien l-artikolu 466 (1) tal-Kodici Kriminali kien jaqra' hekk: "Jekk l-akkuzat iwiegeb li mhux hati, din it-twegiba ghandha tigi rregistrata, u r-Registratur, b'ordni tal-Qorti, jistaqsi l-ewwel lill-akkuzat, u mbaghad lill-Avukat Generali, jekk ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra l-ammissibilita' tal-provi li l-Avukat Generali u l-akkuzat ikunu rispettivament iddikjaraw li l hsiebhom igibu fil-kawza." Dan essenzjalment ifisser li fil-waqt li fir-rigward tal-eccezzjonijiet preliminari soliti - dak iz-zmien elenkati fl-artikolu 461 tal-Kodici Kriminali - dawn kienu jigu trattati u decizi fl-intervall bejn meta jkun inqara l-Att tal-Akkuza u <u>qabel</u> l-akkuzat jigi mistoqsi jekk hux hati jew le, fil-kaz tal-eccezzjonijiet dwar ammissibilita' ma ta' provi dawn kienu jitqajjmu u jigu decizi <u>wara</u> li l-akkuzat ikun gie mistoqsi hux hati skond l-Att tal-Akkuza jew le u jkun wiegeb li mhux hati. Huwa evidenti li kif kienet il-ligi (u l-ligi kienet diga hekk u baqghet hekk meta giet krejata din il-Qorti fl-1967) kien hemm allura zewg fazijiet differenti fejn il-Qorti Kriminali kienet titratta u tiddeciedi eccezzjonijiet preliminari - cioe', fl-ewwel lok, wara il-qari tal-Att ta' l-Akkuza izda <u>qabel</u> ma l-akkuzat jigi

mistoqsi iwiegeb hux hati jew le  u, fit-tieni lok, wara li l-akkuzat ikun hekk wiegeb. Anki dak li kien l-artikolu 508B (1) tal-Kodici Kriminali qabel l-emendi tal-1981 kien rifless ta' din is-sitwazzjoni. Infatti kien jipprovdi illi "appell jista' jsir lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fuq talba ta' l-Avukat Generali jew ta' l-akkuzat minn kull decizjoni moghtija wara l-qari ta' l-Att ta' Akkuza u qabel ma' l-akkuzat iwiegeb jekk hux hati jew le fuq kull wahda mill-eccezzjonijiet imsemmija fil-paragrafi (a), (b) u (g) tas-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 461 u minn kull decizjoni moghtija fl-istadju msemmi fis-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 466 fuq l-eccezzjoni ta' inammissibilita' ta' provi hemm hekk imsemmija". Jidher li l-esperjenza tas-snin 1967 sal-1980 fl-operat ta' din il-Qorti ghallmet li s-sitwazzjoni, cioe' il-ligi kif kienet, ma kienetx konducenti ghal biex il-proceduri jitmexxew b'dik ic-celerita' mixtieqa; dana ghaliex spiss kien qed jigri illi il-guri mhux biss kien qed idum biex jibda' izda anki meta jibda, hafna drabi kien ikompli bis-sulluzzu. Bl-Att LIII tal-1981 il-procedura giet spjanata b'mod li mhux biss l-pregudizzjali kollha kellhom jigu decizi definittivament qabel ma l-akkuzat jigi mistoqsi hux hati jew le, imma anki d-dritt ta' appelli fuq il-pregudizzjali kollha, inkluzi eccezzjonijiet fuq ammissibilita' ta' provi gew ristretti ghal dak l-intervall u mhu kontemplat ebda dritt ta' appell iehor ghal quddiemha hlief jekk u  wara li l-akkuzat jigi misjub hati u ikkundannat. Anki jekk ikunu ittiehdu mitt decizjoni avversi ghall akkuzat wara li l-guri proprja ikun imbeda, cioe' wara l-"empaneling" tal-gurati, d-dritt ta' appell jitwieled biss wara li l-istess ikun gie misjub hati. Sa dak il-mument m'hemm ebda dritt ta' appell. Fil-kaz tal-Avukat Generali il-posizzjoni hi ftit aghar fis-sens li l-istess bhall-akkuzat m'ghandux dritt ta' appell minn decizjonijiet li jittiehdu fil-kors tal-guri, pero', anqas ma jitwielidlu xi dritt ta' appell jekk l-akkuzat jigi liberat mill-akkuzi migjuba kontrih.

L-emendi li gew introdotti fil-Kodici Kriminali fl-1981 kienu esplicitament intizi biex jeliminaw il-prattika ostruttiva li kienet saret komuni li jigu interposti

appelli, wiehed wara l-iehor, fl-istess process u filwaqt li assiguraw li sa certu stadju qabel ma jkun gie "empanelled" il-guri u jkun inbeda s-smiegh tal-provi, kull eccezzjoni preliminari tigi deciza definittivament, eskludew kull possibilita', bl-iktar mod assolut, li l-guri, una volta jinbeda, jigi interrott, ikun xi jkun l-incident hlief, s'intendi, jekk l-Onorevoli Imhallef li jkun qieghed jippresjedi jiddeciedi li jxoljih jew javvera ruhu xi event minn dawk kontemplati fil-ligi li essenzjalment ifissru ix-xoljiment tal-guri. Illum bl-emendi tal-1981, it-termini assoluti ta' l-artikolu 485 riportat supra abbinat mad-disposizzjonijiet l-ohra tal-istess Kodici Kriminali rigwardanti il-proceduri quddiem l-Qorti Kriminali kif ukoll dawk li jistabbilixxu il-parametri tal-gurisdizzjoni u kompetenza ta' din il-Qorti, saru aktar assoluti milli qatt kienu qabel ghaliex fil-kontestwalita' imsemmija, essenzjalment ifissru li wara l-istadju tal-eccezzjonijiet preliminari hemm dritt ta' appell biss wara verdett ta' htija u sadattant wara l-"empanelling" tal-gurati ma jista' jkun hemm ebda ostaklu ghal prosegwiment tal-guri.

Dan ghandu jiftiehem ukoll bhala direzzjoni minn din il-Qorti lill-Onotabbili Qorti Kriminali biex fil-futur, fl-eventwalita' li kemm l-Avukat Generali kif ukoll id-Difiza jindikaw li jkunu intenzjonati li, jew effettivament jintavolaw, appell minn xi digriet interinali fil-kors tal-guri, hija tapplika ad unguem id-dispost tal-artikolu 485 tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u ma tissospendix il-proceduri. Altrimenti jigi stultifikat dak kollu li il-ligi timponi fuq dik l-Onorabbili Qorti u cioe' li tibda', tkompli u tittermina il-guri una volta jkun beda minghajr interruzzjonijiet hlief dawk li l-istess artikolu jipprovdi ghalihom. Din il-Qorti s'intendi, tifhem d-diffikolta li sabet ruhha fiha l-ewwel Onorabbili Qorti f'dan il-kaz, billi jidher li Joseph Fenech hu l-uniku xhud li mid-dehra l-prosekuzzjoni fadlilha, pero', dan mhux wiehed mill-kazijiet li jintitolha biex tissospendi il-proceduri f'dan il-kaz anki tenut kont tal-preokkupazzjoni taghha anki jekk m'hemmx dubbju li xorta kien ser ikun hemm sospensjoni biex id-Difiza ikollha l-opportunita' tipprepara ruhha adegwatament.

Stante dak kollu li inghad supra, mhux il-kaz illi din il-Qorti tidhol fil-meritu tal-appell ta' Clarissa Cachia dana minhabba li ma jezistix dritt ta' appell f'dan l-istadju meta ghad ma hemmx verdett. S'intendi jibqghu impregudikati bl-iktar mod assolut il-lanjanzi taghha rivolti kontra id-decizjoni tal-ewwel Onorabbili Qorti li akkordat il-produzzjoni ta' Joseph Fenech fl-istadju li akkordatu.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi dikjarat irritu u null u din il-Qorti ma tiehux aktar konjizzjoni tieghu.